SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Marzu 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 135(1)(a) — Eżenzjoni fil-qasam tal-assigurazzjoni — Kunċetti ta' tranżazzjonijiet ta' 'assigurazzjoni' u 'servizzi relatati ta' brokers u ta' aġenti tal-assigurazzjoni' — Servizzi ta' regolazzjoni tal-inċidenti pprovduti f'isem u fl-interess ta' assiguratur"

Fil-Kawża C-40/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (qorti suprema amministrattiva, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Frar 2015, fil-proċedura

Minister Finansów

vs

Aspiro SA, li kienet BRE Ubezpieczenia sp. z o.o.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, A. Arabadjiev, J.-C. Bonichot, C. G. Fernlund (Relatur) u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Minister Finansów, minn B. Rogowska-Rajda kif ukoll minn J. Kaute u M. Lubiński, bħala aġenti,

— għal Aspiro SA, minn M. Szafarowska kif ukoll minn T. Michalik u M. Spychalski, konsulenti fiskali,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u K. Maćkowska, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Christie u S. Brandon, bħala aġenti, assistiti minn E. Mitrophanous, barrister,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u M. Owsiany-Hornung, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' Diċembru 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Minister Finansów (ministru tal-finanzi) u Aspiro SA, li kienet BRE Ubezpieczenia sp. z o.o. (iktar 'il quddiem "Aspiro") dwar deċiżjoni preliminari fiskali dwar l-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) relatat mas-servizzi ta' regolazzjoni tal-inċidenti pprovduti f'isem u fl-interess ta' impriża ta' assigurazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

a) assigurazzjoni u transazzjonijet ta' ri-assigurazzjoni, inklużi servizzi relatati mwettqa mill-brokers ta' l-assigurazzjoni u l-aġenti ta' l-assigurazzjoni."

4 Dan l-Artikolu 135(1)(a) jikkorrispondi għall-Artikolu 13B(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) li ssostitwixxa.

5 L-Artikolu 135(1)(d) u (f) tad-Direttiva VAT jipprevedi l-eżenzjoni ta' żewġ tipi oħra ta' tranżazzjonijiet:

"(d) transazzjonijet, inkluż negozjar, li jikkonċernaw kontijiet ta' depożitu u kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, debiti, ċekkijiet u strumenti oħrajn negozzjabbli, imma eskluża l-kollezzjoni tad-debitu;

[…]

(f) transazzjonijet, inkluż negozjar iżda mhux l-immaniġġjar jew iż-żamma fiż-żgur, f'ishma, interessi f'kumpanniji jew assoċjazzjonijet, obbligazzjonijiet (debentures) u sigurtajiet oħrajn, iżda eskluži dokumenti li jistabbilixxu titolu għal merkanzija, u d-drittijiet jew sigurtajiet imsemmija fl-Artikolu 15(2)."

Id-dritt Pollakk

6 Il-liġi dwar it-taxxa fuq il-proprjetà u s-servizzi (ustawa o podatku od towarów i usług), tal-11 ta' Marzu 2004, fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali (Dz. U. de 2011, nº 177, position 1054, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-VAT"), tipprovdi fil-punt 37 tal-Artikolu 43(1) tagħha:

"Servizzi ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni, servizzi ta' intermedjazzjoni fil-każ tal-provvista ta' servizzi ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni kif ukoll il-provvista ta' servizzi mill-assiguratur fil-qafas tal-kuntratti ta' assigurazzjoni konklużi minnu f'isem terz, huma eżenti mit-taxxa, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tad-drittijiet miksuba fil-kuntest ta' kuntratti ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni."

7 Skont l-Artikolu 43(13) ta' din il-liġi:

"L-eżenzjoni mit-taxxa tapplika wkoll għall-provvista ta' servizz li huwa komponent minn servizz indikat fil-paragrafu 1(7) u (37) sa (41), li fih innifsu jikkostitwixxi oġġett distint u li huwa neċessarju u xieraq għall-provvista ta' servizz eżentat mit-taxxa taħt fil-paragrafu 1(7) u (37) sa (41)."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 Aspiro, kumpannija stabbilita f'Varsavja, hija suġġetta għall-VAT. Hija tipprovdi f'isem u fl-interess ta' impriża tal-assigurazzjoni, fuq il-bażi ta' kuntratt konkluż ma' din tal-aħħar, is-servizzi kollha relatati mar-regolazzjoni tal-inċidenti. Hija titħallas skont rata fissa, abbażi tat-tip ta' inċident ikkonċernat.

9 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li Aspiro ma hijiex la impriża ta' assigurazzjoni, la broker u lanqas aġent tal-assigurazzjoni. B'mod partikolari, ma hijiex responsabbli fir-rigward tal-assigurati. Fil-qafas tal-imsemmi kuntratt, hija twettaq it-18-il tranżazzjoni li ġejjin, iżda tiddelega wħud minnhom lil subappaltatur esterjuri:

— ir-riċezzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' inċidenti;

— ir-reġistrazzjoni ta' inċidenti fis-sistema informatika u l-aġġornament tal-informazzjoni miġbura matul il-proċedura tar-regolazzjoni tal-inċidenti;

— id-determinazzjoni tal-kawżi u taċ-ċirkustanzi tal-inċidenti, inkluż l-ispezzjoni tal-proprjetà u tal-post tal-inċident, il-kostituzzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa u l-passi neċessarji biex tiġi determinata r-responsabbiltà, l-ammont tad-dannu u dak tal-kumpens għad-dannu, kif ukoll il-provvisti l-oħra dovuti lill-benefiċjarju tal-assigurazzjoni;

— it-teħid ta' responsabbiltà tal-korrispondenza skambjata mal-klijent, inklużi n-notifiki legali fir-rigward tal-persuni inġurjati jew assigurati u l-korrispondenza skambjata mal-entitajiet l-oħra intervenjenti fil-kuntest tal-proċess tar-regolazzjoni tal-inċidenti;

— ir-regolazzjoni tal-mertu tal-proċessi tal-inċidenti, l-analiżi tad-dokumentazzjoni miġbura u t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-mertu;

— l-evalwazzjoni teknika u l-eventwali evalwazzjonijiet supplimentari f'każ ta' danni marbutin mal-moviment tal-vetturi;

— il-kostituzzjoni tad-dokumentazzjoni fotografika li turi l-portata tal-inċident;

— it-twettiq tal-kopji tad-dokumenti meħtieġa għad-dikjarazzjoni tal-inċidenti;

— ir-redazzjoni tad-dokumentazzjoni kompleta neċessarja għat-talba għal kumpens jew għal provvisti oħrajn;

— l-arkivjar tad-dokumentazzjoni dwar l-inċidenti;

— it-trażmissjoni lill-persuna benefiċjarja tal-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-regolazzjoni tal-inċident u d-drittijiet tagħha;

— il-ftuħ ta' rikors kontra terzi, bl-esklużjoni ta' rikorsi ġudizzjarji;

— l-eżami tat-talbiet u l-ilmenti li jikkonċernaw ir-regolazzjoni tal-inċidenti;

— it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju kkonċernat il-fajl relatat mal-inċident;

— il-preparazzjoni ta' trasferimenti fis-sistema informatika;

— il-komunikazzjoni u r-riċezzjoni tal-korrispondenza marbuta mar-regolazzjoni tal-inċident;

— il-preparazzjoni, fuq talba tal-klijent, ta' dikjarazzjoni tal-immaniġġar tal-inċident;

— kull tranżazzjoni oħra meħtieġa għall-finijiet tar-regolazzjoni tal-inċidenti bis-saħħa tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, li għandha rabta mat-tranżazzjonijiet deskritti qabel.

10 Aspiro ppreżentat lill-Ministru tal-Finanzi talba għal deċiżjoni preliminari fiskali, għall-fini li wieħed ikun jaf jekk, b'applikazzjoni tal-Liġi dwar il-VAT, is-servizzi tar-regolazzjoni tal-inċidenti li pprovdiet huma eżenti.

11 Skont Aspiro, it-tranżazzjonijiet li bihom hija tforni f'isem u fl-interess ta' impriża ta' assigurazzjoni, fuq il-bażi ta' mandat, jikkostitwixxu tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni, fis-sens tad-dritt Pollakk. Huma jifformaw unità distinta, marbutin fl-intier tagħha mal-attività ta' din l-impriża ta' assigurazzjoni u indispensabbli għaliha, li ma ssegwix għan fiha nnifisha. Aspiro tqis li dawn it-tranżazzjonijiet jikkostitwixxu provvista ta' servizzi unika ta' natura kumplessa, li għandha tkun integralment eżentata.

12 Fid-deċiżjoni preliminari tiegħu tal-31 ta' Awwissu 2012, il-Ministru tal-Finanzi vvalida parzjalment biss il-pożizzjoni ta' Aspiro. Huwa kkunsidra li l-ħames kategorija ta' tranżazzjonijiet biss, jiġifieri r-regolazzjoni tal-mertu tal-fajls tal-inċidenti, li tinkludi l-analiżi tad-dokumentazzjoni rilevanti u d-deċiżjoni dwar il-kopertura tal-inċident, tikkostitwixxi tranżazzjoni ta' assigurazzjoni. Huwa qies li t-tranżazzjonijiet kollha l-oħra li twettqu minn Aspiro huma marbutin mar-regolazzjoni tal-inċidenti, iżda ma jikkostitwixxux tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni. Skont l-imsemmi ministru, huma ma jibbenefikawx, konsegwentement, mill-eżenzjoni, peress li huma ta' natura teknika u amministrattiva u jistgħu jitwettqu fil-kuntest ta' attivitajiet minbarra dawk tat-tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni.

13 Aspiro kkontestat din id-deċiżjoni preliminari quddiem il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Warszawie (tribunal amministrattiv ta' woj ewództwo ta' Varsavja). Dan tal-aħħar laqa' r-rikors u annulla l-imsemmija deċiżjoni preliminari billi kkunsidra li l-leġiżlatur Pollakk kien fehem l-eżenzjoni lil hinn minn dak li tipprevedi d-Direttiva VAT, iżda billi ġġudika li l-Ministru tal-Finanzi ma setax jopponi lill-persuna taxxabbli t-termini l-iktar stretti ta' din id-direttiva.

14 Il-Ministru tal-Finanzi ppreżenta appell ta' kassazzjoni minn dan il-ġudizzju.

15 Minħabba d-dubji fuq il-kwistjoni jekk dispożizzjoni bħall-Artikolu 43(13) tal-Liġi dwar il-VAT tapplika b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT u jekk servizzi bħal dawk ipprovduti minn Aspiro jistgħu jiġu eżentati, in-Naczelny Sąd Administracyjny (qorti suprema amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 135(1)(a) tad-[Direttiva VAT], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-provvisti ta' servizzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża ineżami, li jitwettqu għal impriża ta' assigurazzjoni minn terz f'isem u fl-interess tal-assiguratur, fejn it-terz ma jkollu ebda relazzjoni legali mal-assigurat, huma inklużi fl-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni?"

Fuq id-domanda preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

16 Aspiro ssostni li l-kawża prinċipali tqajjem problema ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali biss u ma tirrigwardax, konsegwentement, id-dritt tal-Unjoni. Skont din il-kumpannija, id-domanda magħmula hija b'hekk mingħajr rilevanza għall-finijiet li tiġi deċiża din it-tilwima u, għaldaqstant, hija inammissibbli. Aspiro tenfasizza li, anki fil-każ fejn l-Artikolu 43(13) tal-Liġi dwar il-VAT iżżid eżenzjoni mhux prevista fl-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jimponu fuq individwu d-dispożizzjonijiet l-iktar stretti ta' din id-direttiva.

17 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu esklużiv tal-qorti nazzjonali, li tkun ħadet konjizzjoni tal-kawża u li jkollha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, sakemm id-domanda magħmula tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tieħu deċiżjoni dwarhom. Ir-rifjut li tagħti risposta għal domanda magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod evidenti li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà u mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara s-sentenzi PreussenElektra, C-379/98, EU:C:2001:160, punti 38 u 39, kif ukoll Melki u Abdeli, C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 27).

18 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju, sa fejn huwa possibbli, li tinterpreta d-dritt nazzjonali fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 113) u, f'dan il-każ, tad-Direttiva VAT. Peress li din il-qorti tistaqsi dwar il-portata ta' dispożizzjoni nazzjonali li tagħha l-benefiċċju huwa invokat fil-kuntest tal-kawża prinċipali u li tittrasponi d-Direttiva VAT, ma jidhirx b'mod ċar li d-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata din id-direttiva tkun mingħajr rilevanza biex tieħu deċiżjoni fuq din it-tilwima.

19 Għaldaqstant id-domanda preliminari hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

20 Preliminarjament, għandu jitfakkar li t-termini użati sabiex jindikaw l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva VAT għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, peress li dawn l-eżenzjonijiet jikkostitwixxu derogi mill-prinċipju ġenerali li tipprovdi li l-VAT tinġabar fuq kull provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas minn persuna taxxabbli (ara s-sentenza BGŻ Leasing, C-224/15, EU:C:2013:15, punt 56).

21 Sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula, għandu jiġi eżaminat jekk attività ta' regolazzjoni tal-inċidenti, kif eżerċitata minn Aspiro, tikkonsisti fit-twettiq ta' "[tranżazzjonijiet ta'] assigurazzjoni" jew tiġi analizzata bħala "servizzi relatati mwettqa mill-brokers ta' l-assigurazzjoni u l-aġenti ta' l-assigurazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT.

22 Fir-rigward, l-ewwel nett, tat-tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni, huma kkaratterizzati, b'mod ġeneralment aċċettat, mill-fatt li l-assiguratur jinkariga ruħu, permezz tal-ħlas minn qabel ta' primjum, li jipprovdi lill-persuna assigurata, fil-każ ta' twettiq tar-riskju kopert, is-servizz miftiehem matul il-konklużjoni tal-kuntratt (sentenzi CPP, C-349/96, EU:C:1999:93, punt 17, u Taksatorringen, C-8/01, EU:C:2003:621, punt 39).

23 Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-kliem "[tranżazzjonijiet ta'] assigurazzjoni" ma jsemmux biss it-tranżazzjonijiet imwettqa mill-assiguraturi stess u huma fil-prinċipju wiesgħa biżżejjed sabiex jinkludu l-għoti ta' kopertura ta' assigurazzjoni minn persuna taxxabbli li ma huwiex huwa stess assiguratur, iżda li, fil-kuntest ta' assigurazzjoni kollettiva, jipprovdi lill-klijenti tiegħu tali kopertura billi juża s-servizzi ta' assiguratur li jassumi r-riskju assigurat. Madankollu, tali tranżazzjonijiet jimplikaw min-natura tagħhom l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizz ta' assigurazzjoni u l-persuna li r-riskji tiegħu jkunu koperti mill-assigurazzjoni, jiġifieri l-assigurat (ara s-sentenza Taksatorringen, EU:C:2003:621, punti 40 u 41).

24 Madankollu, f'dan il-każ, fornitur ta' servizzi bħal Aspiro ma huwiex huwa stess impenjat lejn l-assigurat li jiggarantixxi lilu l-kopertura ta' riskju u bl-ebda mod ma hu marbut lejn l-assigurat permezz ta' relazzjoni kuntrattwali.

25 Konsegwentement, għalkemm is-servizz ta' regolazzjoni ta' inċidenti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bħalma huwa deskritt mill-qorti tar-rinviju, jikkostitwixxi element essenzjali tat-tranżazzjoni ta' assigurazzjoni sa fejn jinkludi, f'dan il-każ, id-determinazzjoni tar-responsabbiltà u tal-ammont tad-dannu kif ukoll id-deċiżjoni li jħallas jew li jirrifjuta kumpens lill-assigurat, għandu jiġi kkonstatat li dan is-servizz, barra minn hekk ipprovdut lill-assiguratur, ma jistax jikkostitwixxi tranżazzjoni ta' assigurazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT.

26 Barra minn hekk, din il-konstatazzjoni hija sostnuta min-neċessità, kif tfakkar fil-punt 20 ta' din is-sentenza, li jiġu interpretati b'mod strett id-derogi għas-sistema ġenerali tal-VAT.

27 L-imsemmija konstatazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argument ta' Aspiro u tal-Gvern Pollakk, li jgħid li għandu jiġi allinjat l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet tal-assigurazzjoni fid-dawl tal-VAT fuq dak applikabbli għas-servizzi finanzjarji. Skont din il-kumpannija u dan il-gvern, peress li s-servizzi ta' regolazzjoni ta' inċidenti jikkostitwixxu element ewlieni tat-tranżazzjoni ta' assigurazzjoni, filwaqt li jikkostitwixxu unità distinta, huma għandhom, kif tagħmel is-soluzzjoni adottata mis-servizzi finanzjarji, jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT. Din l-analiżi hija kkorroborata permezz tal-Proposta tad-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112 fir-rigward tal-ipproċessar tas-servizzi ta' assigurazzjoni u tas-servizzi finanzjarji [COM(2007) 747 finali], ippreżentata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Novembru 2007.

28 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ċertament iddeċidiet, f'sentenza li tikkonċerna stabbilimenti finanzjarji, li jekk is-servizzi pprovduti, evalwati b'mod globali, f'dan il-każ ċerti servizzi tal-informatika, li jifformaw entità distinta u jissodisfaw il-funzjonijiet speċifiċi u essenzjali tas-servizzi finanzjarji deskritti fl-Artikolu 135(1)(d) u (f) tad-Direttiva VAT, jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SDC, C-2/95, EU:C:1997:278, punt 66).

29 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-analoġija mas-servizzi finanzjarji ma setgħetx tiġi milqugħa fil-qasam ta' tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni, billi tiġi enfasizzata d-differenza tal-kliem li teżisti bejn l-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT, li jsemmi biss it-tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni veri u proprji, u l-Artikolu 135(1)(d) u (f) ta' din id-direttiva, li jsemmi tranżazzjonijiet "li jikkonċernaw" tranżazzjonijiet bankarji determinati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Taksatorringen, C-8/01, EU:C:2003:621, punt 43).

30 Barra minn hekk, il-Proposta tad-Direttiva msemmija fil-punt 27 ta' din is-sentenza, peress li ma ġietx adottata mill-Kunsill, hija fi kwalunkwe każ mingħajr kull rilevanza għall-interpretazzjoni tad-dritt fis-seħħ u ma tistax għalhekk tiġġustifika interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT, ibbażata, b'analoġija, fuq dik tal-Artikolu 135(1)(d) u (f) ta' din id-direttiva.

31 Barra minn dan, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-prinċipju ta' newtralità fiskali ma jikkonfutax il-konstatazzjoni stabbilita fil-punt 25 ta' din is-sentenza. Kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tagħha, dan il-prinċipju ma jippermettix li l-kamp ta' applikazzjoni ta' eżenzjoni jiġi estiż fin-nuqqas ta' dispożizzjoni li ma hijiex ekwivoka. Fil-fatt, l-imsemmi prinċipju ma huwiex regola tad-dritt primarju li tista' tiddetermina l-validità ta' eżenzjoni, iżda prinċipju ta' interpretazzjoni li għandu jiġi applikat b'mod parallel għall-prinċipju li jipprevedi li l-eżenzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett (ara f'dan is-sens, is-sentenza Deutsche Bank, C-44/11, EU:C:2012:484, punt 45).

32 Għandha tiġi eżaminata, fit-tieni lok, il-kwistjoni jekk il-provvisti ta' servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxu "servizzi relatati għal tranżazzjonijiet [ta' assigurazzjoni] mwettqa mill-brokers ta' l-assigurazzjoni u l-aġenti ta' l-assigurazzjoni" u jistgħu, għalhekk, jiġu eżentati.

33 Fir-rigward, minn naħa, tal-kunċett ta' "servizzi relatati għal tranżazzjonijiet [ta' assigurazzjoni]", għandu jiġi kkunsidrat, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-kelma "relatati" hija suffiċjentement wiesgħa biex tkopri provvisti differenti li jikkontribwixxu għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni u, b'mod partikolari, ir-regolazzjoni ta' inċidenti, li tikkostitwixxi waħda mill-partijiet essenzjali ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

34 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, il-kundizzjoni li tipprovdi li l-provvisti kkonċernati għandhom jitwettqu "mill-brokers ta' l-assigurazzjoni u l-aġenti ta' l-assigurazzjoni", għandu jiġi vverifikat jekk l-attività ta' fornitur ta' servizzi bħal Aspiro, li tikkonsisti f'li jirregola inċidenti f'isem u fl-interess ta' impriża ta' assigurazzjoni, jista' jitqies li twettaq minn dawn il-brokers jew aġenti.

35 F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li, skont id-deskrizzjoni tal-fatti li twettqet mill-qorti tar-rinviju, Aspiro ma għandhiex il-kwalità ta' broker jew aġent ta' assigurazzjoni ma hijiex determinanti. Fil-fatt, il-kwalità formali ta' din il-kumpannija ma tistax tkun suffiċjenti biex tiddetermina jekk l-attività tagħha taqa' jew le taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni.

36 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, għandu jiġi eżaminat il-kontenut stess tal-attivitajiet inkwistjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenzi Arthur Andersen, C-472/03, EU:C:2005:135, point 32; Abbey National, C-169/04, EU:C:2006:289, punt 66, u J.C.M. Beheer, C-124/07, EU:C:2008:196, punt 17).

37 Huma meħtieġa żewġ kundizzjonijiet għall-finijiet ta' dan l-eżami. Fl-ewwel lok, il-fornitur għandu jkun f'relazzjoni mal-assiguratur u mal-assigurat (sentenza Taksatorringen, C-8/01, EU:C:2003:621, punt 44). Din ir-relazzjoni għandha tkun unikament indiretta jekk il-fornitur huwa subappaltatur tal-broker jew

tal-aġent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza J.C.M. Beheer, C-124/07, EU:C:2008:196, punt 29). Fit-tieni lok, l-attività tiegħu għandha tkopri aspetti essenzjali tal-funzjoni ta' aġent ta' assigurazzjoni, bħat-tfittxija u t-twaqqif ta' relazzjonijiet tagħhom mal-assiguratur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Arthur Andersen, C-472/03, EU:C:2005:135, punti 33 u 36).

38 L-ewwel minn dawn il-kundizzjonijiet hija sodisfatta minn fornitur bħal Aspiro. Fil-fatt, dan huwa f'relazzjoni diretta mal-impriża ta' assigurazzjoni, peress li jeżerċita l-attività tiegħu f'isem u fl-interess tagħha, u huwa f'relazzjoni indiretta mal-assigurat, fil-kuntest tal-eżami u tal-ġestjoni tal-inċidenti.

39 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-tieni tal-imsemmija kundizzjonijiet, dwar il-provvisti li twettqu mill-brokers u l-aġenti ta' assigurazzjoni jew is-subappaltaturi tagħhom, dawn għandhom ikunu marbutin man-natura stess tal-attività prinċipali ta' broker jew ta' agent tal-assigurazzjoni, li tikkonsisti fit-tfittxija tal-klijenti u t-twaqqif ta' relazzjoni ta' dawn mal-assiguratur, bil-ħsieb tal-konklużjoni tal-kuntratti ta' assigurazzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Taksatorringen, C-8/01, EU:C:2003:621, punt 45; Arthur Andersen, C-472/03, EU:C:2005:135, punt 36, u J.C.M. Beheer, C-124/07, EU:C:2008:196, punt 18). Fir-rigward ta' subappaltatur, jeħtieġ li dan jipparteċipa fil-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza J.C.M. Beheer, C-124/07, EU:C:2008:196, punti 9 u 18).

40 Madankollu, l-attività li tikkonsisti fir-regolazzjoni tal-inċidenti f'isem u fl-interess ta' assiguratur, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma hija bl-ebda mod marbuta mat-tfittxija u t-twaqqif ta' relazzjonijiet ta' dawn tal-aħħar mal-assiguratur għall-konklużjoni ta' kuntratti tal-assigurazzjoni.

41 Minn dan isegwi li tali attività ma taqax taħt is-servizzi pprovduti "mill-brokers u l-aġenti ta' assigurazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT.

42 Kif jagħmlu s-servizzi inkwistjoni fil-kawża li taw lok għas-sentenza Arthur Anderson (C-472/03, EU:C:2005:135), is-servizzi tar-regolazzjoni tal-inċidenti pprovduti minn fornitur bħal Aspiro għandhom jiġu analizzati bħala li jikkostitwixxu mhux provvisti ta' servizzi pprovduti minn aġent ta' assigurazzjoni, iżda smembrament tal-attivitajiet eżerċitati mill-impriżi ta' assigurazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Arthur Andersen, C-472/03, EU:C:2005:135, punt 38).

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex neċessarju li wieħed jagħmel riferiment, kif għamel il-Gvern tar-Renju Unit, għall-kunċett ta' "medjazzjoni ta' assiguarzzjoni" li jidher fl-Artikolu 2 punt 3 tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew, tad-9 ta' Diċembru 2002, dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 330) lanqas dawk ta' attivitajiet ta' brokers u ta' aġenti tal-assigurazzjoni, li jirreferi għalihom l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 77/92/KEE tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 1976, dwar miżuri biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' aġenti u brokers fl-assigurazzjoni (ex ISIC Grupp 630) u, b'mod partikolari, miżuri transitorji fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 46), li d-Direttiva 2002/92 issostitwiet. Kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tagħha, dawn id-direttivi huma intiżi li jinkoraġġixxu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi kkonċernati fl-Unjoni u jsegwu għan distint minn dak tad-Direttiva VAT. Id-definizzjonijiet inkwistjoni ma setgħux, għaldaqstant, jintużaw bħal dawk għall-finijiet li jiġi ddeterminat, fil-kuntest tad-Direttiva VAT, il-kamp tat-tranżazzjonijiet eżenti mill-VAT.

44 Minn dan isegwi li l-attività li tikkonsisti sempliċement f'li tagħti l-ipproċessar tal-inċidenti lil terzi, mingħajr ma din l-esternalizzazzjoni ma tkun marbuta mat-tfittxija u t-twaqqif ta' relazzjonijiet ta' dawn tal-aħħar mal-impriża tal-assigurazzjoni għall-konklużjoni ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, ma hijiex eżenta mill-VAT.

45 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jirriżulta li r-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li s-servizzi tar-regolazzjoni tal-inċidenti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ipprovduti minn terz f'isem u fl-interess ta' impriża ta' assigurazzjoni, ma jaqgħux taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Ewwel Awla) tiddeċiedi:

L-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li s-servizzi tar-regolazzjoni tal-inċidenti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ipprovduti minn terz f'isem u fl-interess ta' impriża ta' assigurazzjoni, ma jaqgħux taħt l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

Firem